# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



p4
Min hu
ebu
gogo?

Hotspot S!
p6
Sensiela ġdida

Pitirross

BirdLife
MALTA

Klabb
Ħuttaf

Numru 65

Novembru - Diċembru 2004



# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| kompetizzjoni 65 | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| iċ-ċirlew | 5 |
| Ħotspots - Galápagos | 6 |
| sittsaqajn | 6 |
| gallarija | 7 |
| tromba @ | 7 |
| Ħidra | 7 |
| Falko | 8 |
| Tiċrita daqs Dinja | 9 |
| djarju berdwoċer | 10 |
| ittra | 10 |
| midd idejk | 11 |




# Ħbieb Ħuttaf...

Żmien il-Milied huwa żmien sabiħ, żmien tal-vaganzi u żmien tar-rigali u festini. Gawduh kemm tifilħu, u j'alla kull Milied ikun isbaħ minn ta' qablu.

Imma tinsewx li bħala membri tal-BirdLife, għandna nagħmlu sforz biex il-Milied ma jkunx ta' ħsara għall-ambjent naturali.

Problema kbira hija l-ħela ta' dawl li ssir f'dawn iż-żminijiet. It-toroq mixgħulin jagħmlu sabiħ u jagħtu atmosfera tal-ġenn. Imma dak id-dawl kollu ngħid jien għaliex għandu jibqa' mixgħul il-lejl kollu, meta ħadd ma jkun qed igawdih? Kultant ngħaddi minn toroq f'xi raħal bil-lejl, toroq baħħ għax kulħadd ikun daħal jorqod, u fuq rasi xorta għaddejjin iteptpu stilel u sigar u xemgħat, eluf u eluf ta' bozoz kuluriti mixgħulin kollha. U għal min? Għal ħadd! Jien naħseb li dawn id-dwal għandhom jintfew wara ċertu ħin, ngħidu aħna f'nofs il-lejl. U iva suq, forsi mhux proprju f'lejlet il-Milied għax dakinhar joħorġu n-nies għall-quddies ta' nofs il-lejl eċċ. Imma tafu x'irrid ngħid.




L-istess fid-djar tagħna. Min iħobb l-ambjent ma jħobbx il-ħela. Għalhekk dwal u tiżjin fit-twieqi u galleriji għandna nitfuhom għal ħin l-irqad. Kieku kull familja tagħmel dan, ara kemm jonqos il-kunsum ta' enerġija f'dawn il-granet.

Donnu ftit nies għadhom indunaw li l-elettriku jiġi mill-pawer stejxin, u l-pawer stejxin taħdem biż-żejt, u ż-żejt qed jispiċċa mid-dinja! Barra minn hekk, kull qatra żejt li tinħaraq qed tkompli tniġġes l-arja. Jaqbel għalhekk li l-elettriku nużawh bil-għaqal.

Il-Milied it-Tajjeb, ħbieb. Għalikom, għall-familja tagħkom... u għall-ambjent naturali ;-)

Victor

**Victor Falzon** l-editur

Denis Cachia



Il-**pitirross** (robin) huwa bla dubju l-iktar għasfur popolari mal-Maltin, kemm għax narawh fuq il-kartolini tal-Milied u anke għax il-BirdLife ilha s-snin tgħallem dwaru fl-iskejjel. Kontra dak li jaħsbu ħafna nies, il-pitirrossi ma jiġux Malta fil-Milied biss, imma jiġu f'Ottubru u jibqgħu hawn sa Marzu. Jekk inħalluhom...


## kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Diċembru 2004
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon. Ritratt tal-faċċata: Denis Cachia
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Il-Musmar tas-Simar

Għat-tieni sena, fir-riserva tas-Simar reġgħet tfaċċat tikber pjanta stramba ħafna. Hija tip ta' faqqiegħ (mushroom) li s'issa mkien m'għadha nstabet f'Malta. L-ewwel li ndunajna biha kien daż-żmien is-sena l-oħra (2003).



Victor Falzon

Mad-daqqa t'għajn din il-faqqiegħa taħsibha musmar kbir (xi 10ċm) imsaddad li xi ħadd deffes fl-art, għax il-kappell tagħha żgħir u proprja ras ta' musmar. L-isem xjentifiku tagħha huwa *Battaraea phalloides,* imma naturalment aħna laqqamnieha **musmar**!

Nixtiequ ngħidu grazzi lill-ħbieb tagħna Edwin Lanfranco u Michael Briffa, li kkonfermawlna l-ispeċi.

# Dinja Unika

Dinja Waħda 4 spiċċat b'suċċess fit-30 Ottubru 2004, sena eżatt wara li bdiet. Dis-sena **ħadu sehem 83 skola primarja**, numru rekord! Minn dawn, 30 skola ħadu t-trofew tad-deheb, 12 ħadu l-fidda u 12 oħrajn ħadu l-bronż. L-aktar tliet skejjel li tellgħu punti kienu **St. Joseph** Blata l-Bajda (3715), il-Primarja tas-Siġġiewi (2619) u l-Kulleġġ De la Salle (2515).

Prosit lill-iskejjel, lill-studenti u lill-għalliema li għamlu Dinja Waħda suċċess! U grazzi.




# Unlucky 13

Ftit ġimgħat ilu raġel minn Tas-Sliema weħel **Lm6500** tali qata' 13-il siġra f'Marsaxlokk. Is-siġar kienu żnuber u bruka, siġar protetti għax kellhom aktar minn 10 snin. Biex taqta' siġar bħal dawn trid permess. Dan bla permess qabad u qatagħhom. U weħel multa multun!

Ħafna nies tgħallmu jirrispettaw u jammiraw il-ġmiel tas-siġar bħala affarijiet ħajjin. Imma b'xorti ħażina għad hawn min lis-siġar jittrattahom ta' oġġetti, ħmieġ, hela ta' spazju u ngombru!

# KOMPETIZZJONI 65

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | S | Z | S | | | | |
| | | | V | I | A | A | C | | | |
| | | S | F | L | D | R | P | P | | |
| | | H | A | F | W | S | Ż | A | | |
| | J | J | D | J | E | E | I | L | I | |
| | Y | A | W | U | S | L | R | E | K | |
| F | J | V | E | N | A | L | G | T | N | L |
| P | H | L | S | E | H | A | T | T | D | C |
| V | V | F | A | W | S | Ħ | R | U | T | F |
| H | S | O | K | R | A | A | E | N | C | U |
| B | T | R | R | O | R | M | V | A | L | M |
| Z | B | U | O | P | A | R | U | S | G | X |
| Z | I | L | B | E | L | A | L | J | X | U |
| | P | P | Y | W | M | W | U | N | X | |
| | D | U | D | T | J | T | K | P | R | |
| | | N | W | Q | A | B | F | K | | |
| | | O | J | G | R | T | Z | O | | |
| | | | R | N | B | J | D | | | |
| | | | | D | X | T | | | | |

*Norman Chetcuti*

Did-darba għandna **10 borok** (= papri selvaġġi) moħbijin fit-taħbila ittri. It-tweġibiet jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bis-sew jew ta' wara quddiem. Tqasqsux il-magażin - agħmlu kopja tal-kaxxa bit-tweġibiet u ibagħtuhielna fl-indirizz paġna 2. Jew inkella skenjaw it-taħbila u ibagħtuha bl-imejl lil **il-huttafa@birdlifemalta.org**

Min jirbaħ nibagħtulu **sett kartolini tan-natura**.

Ċans għandkom sa **20 Jannar 2005**

| | |
|---|---|
| BORKA SEWDA | PALETTUNA |
| SILFJUN EWROPEW | SARSELLA |
| BRAJMLA RASHA SEWDA | BRAJMLA |
| SARSELLA ĦAMRA | KULUVERT |
| KULUVERT GRIŻ | SILFJUN |

Ir-rebbieħa ta' Komp 64 huwa KELTON MIZZI minn Pembroke. Prosit Kelton, il-kartolini daqt ikunu għandek.



# Ħbieb fil-bżonn!



Ftit 'il barra mix-xatt ta' Whangarei, fi New Zealand, xi xahar ilu, erba' għawwiema dar għalihom kelb il-baħar mir-razza Great White. Kienu għawwiema tajbin (fil-fatt kienu lajfgards qed jittrejnjaw), imma ma' kelb il-baħar m'għola sular tista' tkun kemm tkun tajjeb. L-għawwiema ppanikjaw...

Imma f'daqqa waħda waslet l-għajnuna! Nofs tużżana dniefel tfaċċaw ħdejn l-għawwiema, u bdew iduru magħhom dawra tond, u jagħmlu kjass shiħ fl-ilma b'denbhom. Din it-tattika serviet biex il-kelb il-baħar ma setax jersaq lejn l-għawwiema. Id-dniefel baqgħu sejrin b'din l-imġiba sakemm l-erba' bnedmin waslu l-art u telgħu, qawwijin u sħaħ.

Inkredibbli, imma vera. U skond ix-xjenzati, din mhix l-ewwel darba li ġrat.



# X'tella' l-baħar!

Matul is-sena l-oħra nstabu total ta' 13,000 annimal ġdid fil-baħar! Sewwa smajtu: tlettax-il elf! Kollha ġodda!

Dawn is-sejbiet huma riżultat ta' proġett jismu Census of Marine Life (COML), proġett li jiġbor fih xjenzati tal-baħar minn 70 pajjiż. L-iskop tal-proġett huwa li nitgħallmu iktar x'hemm jgħix fil-baħar.

Ħafna minn dawn il-ħlejjaq ittellgħu minn fond ta' 1000m, 2000m u iktar. Il-biċċa l-kbira huma żgħar u mikroskopiċi, imma hemm ukoll numru sabiħ ta' ħut ġdid li x-xjenza kienet għadha ma tafx bih.

Bħalissa nafu bl-eżistenza ta' xi 15,500 speċi ta' ħut differenti fid-dinja. Jikkalkulaw li sa ma jispiċċa l-proġett COML fl-2010, in-numru jkun tela' għal 20,000!

Kos, kemm għad hemm affarijiet li ma nafux, hux!

# Il-*hobbits* (kienu) jeżistu!

Qed jgħidu li hija l-IKBAR sejba xjentifika tas-seklu...

Ġo għar fil-gżira Flores fl-Indoneżja, studjużi tal-fossili sabu għadam ta' speċi ġdida ta' bniedem. Dan l-għadam għandu tliet affarijiet speċjali.

L-ewwelnett huwa għadam ta' bniedem żgħir, mhux żgħir fis-sens li għadu ma kibirx, imma żgħir fis-sens li kienet razza li *tibqa'* żgħira, jiġifieri mhux itwal minn metru! Hekk hu, daqs il-hobbits tal-film Lord of the Rings!

It-tieni ħaġa hija li dan il-bniedem kien intelliġenti biżżejjed biex jibni d-dgħajjes li wassluh fuq dil-gżira, u biex jagħmel għodda tal-ġebel, li l-fdalijiet tagħhom instabu qrib l-għadam.

It-tielet ħaġa ta' l-għaġeb hija li dawn in-nies żgħar, li nghataw l-isem xjentifiku *Homo floresiensis*, kienu għadhom jeżistu sa 12,000 sena ilu. U din veru ħawdithom lill-istudjużi, għax dejjem ħasbu li l-ispeċi tagħna *Homo sapiens* ilha l-unika speċi umana għal dawn l-aħħar 30,000 sena. Mid-dehra se jkollhom jerġgħu jiktbu l-kotba mill-ġdid.

X'jonqos? Li jsibu xi familja hobbits ħajja fil-foresti qalb l-muntanji? Min jaf! In-nies li jgħixu Flores għandhom ħafna leġġendi fuq bnedmin żgħar. Huma jgħidulhom **Ebu Gogo**, li tfisser "nanna li tiekol kollox"! Għax skond huma, dan il-bniedem żgħir jiekol kollox - anke tfal!



Kif jaħsbu li kien *Homo floresiensis*. Mhux eżatt Frodo Baggins..!




BirdLife Malta Maps



nittrumbjaw fuq...

# iċ-ċirlew

Mark Anthony Falzon

Xi 15-il sena ilu, f'Malta seħħet rivoluzzjoni fl-istudju ta' l-għasafar. Xi membri ta' l-MOS (l-isem antik tal-BirdLife) skoprew li l-berdwoċing mal-baħar joffri spettakli kbar. Fil-bidu kienu jmorru l-Qammieħ imma maż-żmien esplorajna postijiet ġodda bħall-Għallis, il-Qawra, Delimara u l-ponta ta' Sant Iermu fil-Belt. Indunajna li ħafna għasafar li konna naħsbuhom rari fil-fatt ipassu regolarment minn fuq il-baħar. Fost dawn hemm iċ-ċirlew.

Iċ-ċirlew ikun qisu gawwi, imma iktar żnell u b'titjira eħfef. Ħafna drabi narawh mill-bogħod u diffiċli tagħrfu. Mhux ta' b'xejn ħafna berdwoċers flok tromba jużaw teleskopju, għax dan ikabbar iktar.

F'Malta jidhru diversi ċirlew, li nistgħu naqsmuhom fi tliet gruppi: iċ-ċirlew ta' l-għadajjar, iċ-ċirlew tal-baħar il-kbar, u ċ-ċirlew tal-baħar iż-żgħar.

Iċ-ċirlew ta' l-għadajjar huma żgħar u jbejtu ma' l-ilma ħelu jew salmastru. F'Malta ma jbejtux imma xorta naraw tliet speċi minnhom, x'aktarx ipassu fuq il-baħar. L-iktar komuni hija ċ-**ċirlewwa sewda**, li tidher fis-sajf u l-ħarifa. Iċ-**ċirlewwa tal-ġewnaħ abjad** hija skarsa u tpassi fir-rebbiegħa u l-ħarifa. Iċ-**ċirlewwa tal-mustaċċi** hija rari u tista' tidher minn April sa Ottubru. Dawn it-tliet speċi jixxiebhu sew u l-kuluri tagħhom jinbidlu ħafna minn staġun għall-ieħor. Biex tagħrafhom trid gajd tajjeb u esperjenza!

Iċ-ċirlew tal-baħar il-kbar ibejtu max-xatt, u f'Malta narawhom fi żmien il-passa. Tliet speċi jidhru regolarment. Iċ-**ċirlewwa tax-xitwa** tidher kważi s-sena kollha, l-iktar fil-ħarifa u x-xitwa. Hija pjuttost komuni u ġieli narawha tpassi fi qtajja' f'forma ta' linja, ftit 'il fuq minn wiċċ il-baħar. Iċ-**ċirlewwa geddumha oħxon** hija skarsa u tpassi kważi s-sena kollha. Tixbaħ ħafna liċ-ċirlewwa tax-xitwa imma mill-viċin taralha munqarha oħxon u iswed (ta' l-oħra jkun irqiq bil-ponta safra). Iċ-**ċirlewwa prima** hija forsi l-iktar waħda faċli biex tagħrafha għax kbira ħafna u għandha munqarha oħxon u aħmar. Hija skarsa u tidher l-iktar fir-rebbiegħa u l-ħarifa.



ċirlewwa sewda

Speċi oħra li tidher fis-sajf u waqt il-passa hija ċ-**ċirlewwa żgħira**. Din qabel konna naħsbuha rari imma llum narawha kważi kull sena. Faċli tagħrafha għax żgħira ħafna.



ċirlewwa prima



ċirlewwa tal-baħar



ċirlewwa żgħira

Xi ċirlew ieħor li ġieli deher Malta hu ċ-**ċirlewwa tal-baħar** u ċ-**ċirlewwa roża**, imma dawn rarissmi u diffiċli tagħrafhom.

Minn żmien għal żmien jitfaċċa xi ċirlew fir-riservi tal-BirdLife u allura nkunu nistgħu narawhom mill-qrib jittajru u jistadu għall-ħut. Għadni niftakar sew ċirlewwa tal-ġewnaħ abjad li darba tatna spettaklu l-Għadira, togħdos għall-bużaqq.

Bilħaqq, l-għasfur fuq l-arma tal-BirdLife huwa... ċirlewwa!

# Hotspots!

**Alison Buttiġieġ** tikteb dwar l-aqwa postijiet fid-dinja naturali.




# Il-Galápagos

Il-Galápagos huma grupp ta' gżejjer vulkaniċi fl-Amerika t'Isfel, sewwa sew fuq il-linja ta' l-ekwatur fl-Oċejan Paċifiku, xi 1000km 'l barra mix-xatt ta' l-Ekwador. Bix-xieraq nifthu din is-sensiela b'tagħrif dwar dan il-post għax ftit hawn postijiet li nisslu daqstant interess fost ix-xjenzati. Fil-fatt, waħda mit-teoriji l-iktar importanti tax-xjenza - il-famuża teorija ta' l-evoluzzjoni u s-selezzjoni naturali ta' Charles Darwin - kienet ispirata proprju min-natura tal-Galápagos.

Il-Galápagos qatt ma kienu magħqudin ma' kontinent, allura l-flora u l-fawna jew taru, jew għamu jew inkella inġarru mill-kurrent. Il-kundizzjonijiet li sabu fuq dawn il-gżejjer kienu ħarxa u differenti, allura dawk li waslu hawn kellhom jadattaw għal dan l-ambjent. Biż-żmien, tant inbidlu li saru speċi ġodda (= evoluzzjoni). L-ispeċi d-dgħajfa li ma rnexxilhomx jadattaw, għebu għal dejjem (= selezzjoni naturali).




Ħafna mill-pjanti u l-annimali tal-Galápagos huma endemiċi, jiġifieri ma jeżistu mkien aktar fid-dinja. Il-fawna tal-Galápagos hija unika għal raġunijiet varji, fosthom in-nuqqas ta' predaturi. Hemm fkieren ta' l-art ġganteski*, ħafna rettili, fosthom igwani tal-baħar, ħafna speċi ta' għasafar, dniefel, balieni, bumerini u ħut. Tgħix ukoll speċi ta' pingwin - iva, hawn pingwini li jħobbu jixxemxu u joqogħdu għas-sħana! Hemm ukoll tip ta' għasfur ta' l-għana li jixrob id-demm ta' għasafar oħra - vampiri! Araw ftit kemm kellhom jadattaw biex jgħixu hawn!

B'xorti tajba l-gżejjer Galápagos huma protetti, u nisperaw li l-istudji u l-isforzi li qed isiru jgħinu biex dawn jibqgħu l-ġawhra naturali li huma llum.

*il-kelma **Galápagos** fil-fatt tfisser fkieren! Ed.

# il-Ġurat tad-Deżert

**SITTSAQAJN**
Matthew Borg Cardona

Il-ġurat tad-deżert (desert locust *Schistocerca gregaria*) huwa ġurat naqra kbir li jgħix fl-Afrika. Il-kuluri tiegħu ivarjaw ħafna, minn kannella sa isfar u anke aħmar. Dan jgħix f'żewġ forom, ftit jgħixu solitarji, jiġifieri weħidhom, u oħrajn gregarji, jiġifieri jgħixu fi gruppi. Kultant dawn il-gruppi jkunu tant kbar li jiffurmaw sħab sħiħ ta' ġurati!

Meta l-klima tkun ideali, il-ġurati jingħaqdu minn postijiet differenti, u jbidu l-bajd kollha ħdejn xulxin. Meta jfaqqsu, iż-żgħar ikunu sofor u differenti mill-adulti. Dawn il-ġurati żgħar flok jinfirxu jibqgħu flimkien fi gruppi. Meta jikbru, itiru distanzi twal ħafna u jingħaqdu fi gruppi ikbar u ikbar.

Din is-sitwazzjoni ġeneralment iddum xi ftit snin, u meta jkunu miġburin fi gruppi hekk kbar, dawn il-ġurati jagħmlu ħafna ħsara lill-biedja tal-pajjiż, għax bejniethom jieklu kwantità kbira immens ta' ħxejjex. Meta fl-Afrika jkun hemm infestazzjonijiet bħal dawn, xi ġurati jaqsmu l-Mediterran u jaslu anke fix-xtut ta' l-Ewropa, inkluż Malta.

Dawn l-aħħar sentejn kien hawn ħafna każi ta' dan il-ġurat f'Malta. Però n-numru li jasal hawnhekk huwa żgħir ħafna u ma jagħmilx ħsara.



faċli wkoll tagħrfu minn dawn id-dbabar fuq il-ġwienaħ

Simon Sultana

# galleria



**daqquqa tat-toppu**
glenn ellul
12



**pitirross**
daniel
bezzina 8



**sponsun**
gianluca
pollacco



**ħuttafa**
david
attard 12



**gamiema**
steve
d'anastasi



**monakella**
mandy
żammit 10



**narċis**
daphne
pollacco 8



**hornbill**
stephen micallef eynaud 12



**russett griż**
odette pulè
10

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!** (basta mhux pets u annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, l-età u isem l-annimal jew pjanta

## tromba@

Dawn huma r-riżultati ta' l-aħħar servej bl-imejl, li kien dwar **jekk jiġukomx pitirrossi fil-ġnien**.

| | |
|---|---|
| Mosta | 5 pitirrossi |
| Ħamrun | 1 pitirross |
| Mellieħa | 1 pitirross |
| San Pawl tat-Tarġa | 1 pitirross |

Ħadu sehem Johann Galdies, Christian Micallef, Hailey Micallef, Luke Micallef, Matthew Page, Stefan von Brockdorff.

Alison Buttiġieg

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi

Sean Caruana Webster




Sean Caruana Webster

# Ħidra

Smajtu żgur bl-eroj famuż **Ħerakles**, jew Ħerkules kif kienu jsejħulu r-Rumani.

Darba Ħerakles (f'mument ta' ġenn li daħħlet fih **Ħera** r-reġina ta' l-allat Griegi) kien qatel lil martu u lil uliedu. Bħala kastig kellu jagħmel tnax-il intrapriża impossibli.

It-tieni waħda minn dawn il-biċċiet xogħol kien li joqtol lil **Ħidra**. Ħidra kienet serp ġgantesk li tgħix fl-ilmijiet f'post jismu Lerna. Ħidra kellha disat irjus, imma mhux dak kien l-impossibli - l-impossibli kien li toqtolha! Dan għaliex kull darba li Ħerakles kien jaqtgħalha ras kienu jitfaċċaw tnejn ġodda flokha! U kellha ras minnhom kienet immortali. Ħerakles ma qatax qalbu. Ġietu idea, u kull ras li beda jaqta', kien fil-pront jaħraq il-ġerħa b'torċa nar. B'hekk waqqaf l-irjus ġodda milli joħorġu. Imma kellu problema oħra. Ħera ma kinitx taħmel lil Ħerakles, u bagħtitlu granċ enormi biex joqgħod joqroslu saqajh u jfixklu fil-ġlied kontra Ħidra. Ħerakles rifes lill-granċ, faqagħlu l-qoxra u qatlu (Ħera mbagħad bidlet lil dan il-granċ fil-kostellazzjoni **Kanċer**!)

Wara li Ħerakles qata' l-irjus kollha u ħarqilhom il-ġerħa, kien jonqos ir-ras immortali. Din għaddasha fit-tajn u poġġa fuqha blata kbira. B'hekk bis-saħħa ta' Ħerakles, Lerna ħelset minn mostru orribli.



# FAL

**Żgħażagħ BirdLife Malta**



## Ħbieb Falkuni!

Tafu kemm hi kbira Malta? Malta fiha 316km$^2$, jew 316,000,000m$^2$.

Tafu kemm tagħmel xita Malta? Kull sena tinżel madwar 600mm (0.6m) xita.

Tafu x'perċentwal ta' Malta huwa mibni? Xi 30%. Mela, li kieku kellna niġbru l-ilma kollu tax-xita li taqa' fuq il-bini u fit-toroq tagħna, din tiġi (ftit Maths)...

316,000,000 x 0.6 x 0.3 = **57,000,000m$^3$** ilma.

Issa, aqtgħu ftit kemm nużaw ilma f'Malta u Għawdex? Madwar 20miljun m$^3$ ilma fis-sena! Mela x'inhu! Dil-figura mhux jien ivvintajtha, tafux, imma maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-iStatistika. Jekk qed nieħu xi żball ikkoreġuni, imma skond kif ħdimtha jien li kieku niġbru l-ilma ta' sena jkollna biżżejjed ilma għal kważi 3 snin!

Loġikament mhux possibbli li tinġabar ix-xita kollha. Imma mqar jekk tinġabar ix-xita li taqa' fuq *nofs* il-bini u t-toroq (= 28 miljun m$^3$), u minn dan jintilfu 30% minħabbà evaporazzjoni, toqob fil-kanen eċċ, xorta jkun għad fadal l-20 miljun m$^3$ li għandna bżonn.

X'jonqos ngħid? Li kull sena Malta tonfoq Lm7,400,000 tafu fuq x'hiex? Biex tibdel l-ilma baħar f'ilma għax-xorb. B'dawk il-flus, f'sena waħda nirranġaw il-Magħtab! U f'sena oħra nduru dawra tajba mal-Buskett, flok inħalluh jiddegrada kif qed jiġrilu!

Saffru saffru! Imma sadattant jekk id-dar għandkom bir, qisu li tużawh; u meta tikbru u jkollkom dar tagħkom, qisu li jkollkom bir fiha u tużawh ukoll!

Saħħiet

justin

**Justin Vassallo**
ko-ordinatur Falko



## ELISABETH COXON AWARD



**Simon Sultana** (ħafna minnkom tafuh) rebaħ l-**Elisabeth Coxon Award** għas-sena 2003. Dan huwa premju ta' kotba li jingħata kull sena lill-membru tal-Falko li jkun ħadem l-iktar għall-ambjent naturali. Prosit Simon. Keep it up, man! Tgħid min ha jieħdu dis-sena?

Elisabeth Coxon kienet membru Ingliża li għenet ħafna lill-BirdLife. Dan il-premju l-ewwel li ngħata kien fl-1987 lil ċertu Alex Casha, u ma morniex żmerċ - illum Alex huwa wieħed mill-managing wardens fir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar!



**Grazzi** lil dawk il-membri tal-Falko li marru jagħtu daqqa t'id fit-taħwil ta' siġar fil-Foresta 2000! Bis-saħħa tagħkom, il-proġett kompla kiber.


***Do you wish to improve your studies and produce professional presentations of your work which will impress? Then read on....***

The Aquarium Munster 40 -1024x Transmission type microscope with PC-video camera is very-well equipped for use in study,visual-presentation and hobby applications.

* PC microcular video capture device with 640x480 pixels
* Rechargeable battery or mains power operated transmitted LED illumination
* Perfectly suited for students and presenters
* Mechanical stage with nonius
* Magnification: 40-1024x
* Barlow-Zoom-System
* High-quality optics
* Battery charger
* Aluminium suit case
* Made in Germany



GREAT AFFORDABLE PRICE.....LM170 for the whole kit INCLUDING PC-CAMERA !!

AQUARIUM MAINTENANCE SERVICES *Available from AQUARIUM MAINTENANCE SERVICES*
*7970 9684 / 7970 3086 ams@global.net.mt*

għali ambjentali



Ritratt meħud
11 Sett 2003

Elisabeth Conrad

# Tiċrita daqs Dinja!

**Ix-xemx hija essenzjali għall-ħajja fuq din id-dinja. Imma x-xemx tista' wkoll teqridha dik l-istess ħajja! Skond x'jolqotna!**

Mix-xemx joħorġu ħafna tipi ta' raġġi, fosthom uħud li jagħmlu ħsara kbira, bħal ċerti tipi ta' radjazzjoni ultravjola (ultraviolet = UV). Li jsalvana minn dawn ir-raġġi perikolużi huwa gass jismu ożown (jew ożonju jew ożon). Xi 15-35km 'l fuq minn wiċċ id-dinja nsibu saff minn dan l-ożown li jiffiltra r-raġġi tax-xemx qabel dawn jaslu fid-dinja - raġġi li mhumiex perikolużi jgħaddu mentri dawk li jaqilgħu l-inkwiet jinżammu!

L-ożown jifforma u jintilef fl-atmosfera bi proċessi naturali. Normalment, dawn iż-żewġ proċessi huma bbilanċjati, u l-livell ta' ożown jibqa' ftit jew wisq l-istess.

IMMA sfortunatament, l-istorja ma tiqafx hemm! Fl-1985, xjenzati ndunaw li fuq l-Antartika, dan is-saff ta' gass protettiv kien qed jirqaq ħafna - qisu kien hemm toqba! Għall-ewwel ħasbu li kien xi żball għax ħadd ma basar li das-saff seta' jonqos! Imma biż-żmien ikkonfermaw li vera kien qed jonqos. U sirna nafu għalfejn ukoll.

Qatt smajtu bis-CFCs? Is-CFCs (**C**hloro**F**luoro**C**arbons) huma kimiċi li ħoloq il-bniedem biex jużahom fi friġis, laned tas-sprej, il-fowm li jippakkjaw bih, u diversi prodotti oħrajn. Affarijiet utli ħafna kieku, imma meta dawn iċ-CFCs itiru 'l fuq fl-atmosfera u jiltaqgħu ma' l-ożown, jibda l-inkwiet. Il-klorina li fihom dawn il-kimiċi tattakka l-ożown u tibdlu f'ossiġnu b'rata tal-biża' - atomu wieħed ta' klorina kapaċi jeqred 100,000 molekula ta' ożown!

Naturalment jekk jisparixxi l-ożown, ir-raġġi UV-B ma jsibux x'iwaqqafhom u jibdew jgħaddu u jaslu f'wiċċ id-dinja. Ir-raġġi UV-B huma perikolużi immens għall-bniedem u għal diversi pjanti u annimali, għax jikkawża l-kanċer tal-ġilda.

X'qed isir allura? Minn mindu sabu din it-"tiċrita" fl-ożown, saru diversi inizzjattivi biex jitwaqqaf l-użu tas-CFCs u prodotti oħra li jeqirdu s-saff ta' l-ożown, imsejħa *ozone-depleting substances*. Fl-1987, per eżempju sar ftehim imsejjaħ il-Montreal Protocol. Il-pajjiżi li ffirmawh wegħdu li jnaqqsu l-użu ta' CFCs u *ozone-depleting substances*. Malta wkoll iffirmatu dat-trattat. Ħafna prodotti li qabel kienu jużaw CFCs illum iħaddmuhom b'kimika li ma teqridx l-ożown. Għalhekk per eżempju tara ħafna friġis u sprejjijiet li fuqhom ikollhom miktub *CFC-free* jew *ozone-friendly*

Tgħid kapaċi jirkupra s-saff ta' l-ożown mill-ħsara li saritlu? Iva u le. Ma nistgħux inġibu lura l-ożown li diġà ntilef - dak irid jifforma waħdu. Imma jekk inwaqqfu l-gassijiet qerrieda kollha milli jaslu fl-atmosfera ta' fuq, l-ożown għandu mnejn jerġa' lura għan-normal sa xi s-sena 2050.

Imma l-użu ta' prodotti qerrieda, għalkemm naqas, għadu ma waqafx għal kollox. Iktar ma ndumu naħsbuha, iktar dik it-tiċrita se ddum ma tissewwa.



# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## settembru

Il-passa tat-tajr tal-priża ma tantx kienet spettakolari. Għalkemm kellna xi jumejn tajbin ħafna, il-**kuċċard** u l-**bgħadan ħomor** passew fl-għoli tant li bilkemm kienu jidhru. Dehru wkoll xi **arpi**, **bgħadan griżi**, **isqra tal-ħannieqa**, **isqra ta' denbhom** u **bisien tar-reġina**.

Il-**gamiem** deher f' numri żgħar. Waslu wkoll l-ewwel **pitirrossi** u **diżżijiet** u komplejna naraw iktar zizka, speċjalment **sofor**. Żdiedu l-**agretti bojod** u l-**irsieset griżi**, kultant fi qtajjiet kbar. F'Wied il-Luq ġieli niżlu jorqdu iktar minn 3000 **ħuttafa** u fuq il-Buskett intlemħu qtajjiet ta' **rundun żaqqu bajda** (l-ikbar qatgħa b'59 għasfur). Waslu wkoll xi ftit **kruċjati** u **ċikonji suwed**.



arpa

Fuq il-baħar għaddew qtajjiet ta' **fjamingi** u xi borok, l-aktar **sarsell**. Kompla jidher xi **gawwi tal-munqar aħmar**, u tfaċċaw ukoll xi għasafar rari bħall-**ajkla tal-kalzetti**, **tudun tas-siġar** u **rożinjol tax-xagħri**.

## ottubru

It-tajr tal-priża kaxkar sa l-aħħar tax-xahar. Mal-**kuċċard**, bgħadan u **spanjuletti** deher tajr xejn komuni, bħall-**bies ta' Barbarija**, l-**avultun abjad** u l-**kuċċarda prima**. Għaddew ukoll xi ċikonji, **irsieset bojod** u **fjamingi**. F'xi granet għaddew ħafna **mlievez** u **alwett**. L-**isturnell** żdied bl-eluf.

Fuq il-baħar intlemħu speċi differenti ta' gawwi, fosthom il-**gawwija rasha sewda**, il-**gawwija rasha kannella** u l-**gawwija żgħira**. Magħhom dehru wkoll diversi ċirlew u borok, fosthom **sarsell aħmar**, **silfjuni** u **brajmliet ħomor**.

Għasafar oħrajn tax-xitwa li bdew jidhru kienu l-**fjamma sewda** u ż-**żiemel**. Kien hawn ukoll ftit **buqrajq** u rajna l-aħħar qtajja' kbar ta' **ħuttaf**.

Fir-riserva ta' l-Għadira niżlet **xifa** u baqgħet hemm ix-xahar kollu. F'jum minnhom fis-Simar niżlu 41 **agrett abjad** u magħhom **paletta**.

L-ismijiet ta' l-għasafar qegħdin skond iċ-**Checklist of the Birds of Malta** riveduta li ħarġet il-BirdLife dan l-aħħar. Għal kopja tal-ktejjeb bil-posta ibgħat 45ċ (ċekk jew bolli mhux użati) lil **BirdLife Malta 57/28Triq Rigord Ta' Xbiex MSD12**, jew aqbeż qabża sa l-Għadira f'xi weekend.

# Grazzi!

Għażiż Editur,

Ili membru fil-BirdLife minn mindu ħarġet l-ewwel *Il-Huttafa*, u jien naf kemm rajt bidliet pożittivi fil-BirdLife u fil-mentalità tal-ħbieb tiegħi.

Imma l-iżjed li nixtieq nirringrazzja lil din is-Soċjetà huwa għax inħoss li kemm ilni magħha għenitni niżviluppa l-karattru tiegħi u napprezza n-natura tant li ddeċidejt li l-karriera tiegħi tkun fuq sħarriġ u protezzjoni ta' l-ambjent tagħna. Biex nieħu din il-linja jinvolvi ħafna xogħol u studju, imma b'determinazzjoni naħseb li kollox huwa possibli.

Nixtieq nirringrazzja lil kul min kien ta' għajnuna, u nħeġġeġ lil kulħadd biex ma jitlifx din l-opportunità ta' tagħlim, u jissieħeb membru biex nissaħħu aktar.

Jien nemmen li mhux il-liġi biss tipproteġi l-ambjent, imma hija l-informazzjoni dwaru li ġġegħlek tapprezzah.

Prosit tal-ħidma tagħkom tassew. Viva l-BirdLife!

Arnold Sciberras
Għadira

*Waww Arnold!*

*X'erba' kelmiet sbieħ, xbin! U x'unur!*

*Jien min-naħa tiegħi nirringrazzjak ta' kemm ilek membru tissapportja s-Soċjetà għażiża tagħna, u nawguralek kull suċċess fil-karriera li tixtieq taqbad. Moħħna iktar mistrieħ li b'ambjentalisti bħalek fil-linja tal-protezzjoni tan-natura, il-futur ta' l-ambjent naturali f'pajjiżna huwa iktar sod.*

*L-Editur*




Ray Galea

Bħalissa ż-żrinġijiet ikunu xalata sħiħa. Wara n-nixfa tas-sajf, l-ewwel xita jkunu qed jistennewha bil-ħerqa. Insomma, proprjament ikunu reqdin fit-tajn! Għax iż-żrinġijiet b'hekk jibqgħu ħajjin matul in-nixfa tas-sajf. Ikunu f'ħofra fit-tajn, fejn ikunu ġabru ftit umdità madwarhom, kemm kemm iżżommhom ħajjin sa ma terġa' tibda x-xita.

Issa li l-art reġgħet ixxarrbet, iż-żrinġijiet ħarġu jixxalaw . . . u jinnamraw! Fl-irqajja' ilma u nixxigħat qalb it-tajn u l-ħaxix fil-widien, ibidu l-bajd, li malajr ifaqqas f'imrieżep. Dawn seba' mitt sena sa ma jtellgħu s-saqajn ħalli joħorġu jaqbżu mill-ilma jfittxu n-nemus u d-dubbien. Yami!

# Fanali





## Kif tagħmel

1 Aqta' biċċa karta tawwalija u itwiha min-nofs.
2 Mat-tinja, qasqas linji dritti (xi tużżana jew aktar). Tibqax taqta' sax-xifer nett tal-karta.
3 Iftaħ il-karta. Inkolla flimkien jew stejpilja n-naħa d-dejqa tal-karta.
4 Aqta' strixxa karta 15ċm twila u 1ċm wiesgħa. Bil-kolla jew bi stejpler, waħħalha ma' tarf wieħed tal-fanal biex ikollok minn fejn iddendlu.
5 Agħmel iktar fanali u dendilhom ma' spaga biex iżżejjen il-kamra tiegħek.



### Għandek bżonn

• Fdal ta' karti kkuluriti (bħal dak li nużaw biex ingeżwru r-rigali fihom) • imqass • kolla jew stejpler

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **10 punti fil-Ħuttafattiva**

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.



**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode

data tat-twelid __________ telefon __________ imejl __________

liema skola jattendi ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode

membership number __________ telefon __________ imejl __________

liema skola tattendi ______________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**.
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**







# Għandek dawn il-kobta

# Aħna għandna!

## ...u bħalissa qegħdin bi prezzijiet imraħħsin għal żmien il-Festi!*

ista' tixtrihom mir-riserva ta' l-Għadira jew miċ-Ċentru
al-BirdLife f'Ta' Xbiex. Biex tirċivihom id-dar bil-posta,
empel 21347646 (Mon-Fri 9am-1pm)

*Offerta tagħlaq 15 Jannar 2005